## 29 ta' April, 1955

### Imħallef:
### Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Carmela Gauci ne. *versus* Neg. Joseph Scerri

### Konkorrenza Sleali — Art. 36 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

*Il-Liġi Kummerċjali tipprevedi l-forom l-aktar soliti tal-konkorrenza sleali, imma mhux leċitu li wieħed jestendi l-każijiet ta' konkorrenza sleali oltre dawk previsti mill-leġislatur. Għax dawn huma veri u proprji delitti, li jagħtu lok għal konsegwenzi serji ħafna.*

*Il-fatt li wieħed jeżibixxi għall-bejgħ lokalment oġġetti li għall-fornitura tagħhom kummerċjant ieħor ikun ġie nominat konċessjonarju esklużiv mid-ditta ta' barra, u dan jagħmlu mingħajr ma jkun irtira dawk l-oġġetti minn għand il-konċessjonarju lokali, billi jkun importahom jew akkwistahom b'dannu tal-importazzjoni esklużiva li għaliha dak il-konċessjonarju għandu dritt, ma jidħolx fl-ebda waħda mill-forom ta' konkorrenza sleali previsti mill-leġislatur, u għalhekk ma jikkostitwix konkorrenza sleali.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attriċi nomine, wara li ppremettiet illi d-ditta minnha rappreżentata ġiet nominata mid-ditta "A. Peroni S.A.R.I." ta' Milan bħala koncessjonarja esklużiva għall-fornitura ta' "Giornali di Moda" f'Malta, skond id-dokument unit ma' l-istess att taċ-ċitazzjoni, markat bl-ittra "B", publikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Frar, 1954, (dok. C); u illi, bi protest in data 23 ta' Marzu, 1954, hija pprotestat kontra l-fatt li l-konvenut qiegħed jeżibixxi għall-bejgħ f'diversi ħwienet f'Malta ġurnali tal-moda tad-ditta "A. Peroni S.A.R.I." fuq riferita, li huwa ma rtirax minn għandha, imma importahom jew akkwistahom għad-dannu ta' l-imsemmija importazzjoni esklużiva li hija għandha d-dritt għaliha; talbet li jiġi dikjarat li l-konvenut qiegħel jagħmel konkorrenza sleali kontra d-ditta attriċi, billi qiegħed jispaċċja jew jeżibix-

xi l-imsemmijin "giornali di moda" ta' l-istess ditta "A. Petroni S.A.R.I." fuq indikata a preġudizzju ta' l-esklużività tad-ditta attriċi; u illi l-istess konvenut jiġi dikjarat responsabbli għad-danni kaġunati lill-istess ditta attriċi bl-imsemmija konkorrenza sleali, likwidabbli, jekk hemm bżonn, permezz ta' periti; u l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lill-istess ditta attriċi l-ammont li jiġi likwidat, bl-imgħax kummerċjali mill-likwidazzjoni sal-ħlas; u jiġi inibit lill-istess konvenut li jimporta jew jeżibixxi jew jispaċċja l-istess "Giornali di Moda" ta' l-istess ditta fuq riferita "A. Peroni S.A.R.I.", taħt il-komminazzjonijiet tal-liġi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tat-23 ta' Marzu, 1954;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-attriċi nomine qegħdha manifestament teżerċita l-azzjoni naxxenti mill-konkorrenza illeċita. Il-kummerċjant, lil min dik il-konkorrenza tkun għamlet deni, għandu żewġ azzjonijiet diversi. Huwa jista' jaġixxi għall-kundanna tal-kontravventur, jew kontra l-istess kontravventur, għad-danni u interessi, liema azzjoni hija dik l-ordinarja preveduta; u din hija appuntu l-azzjoni li l-attriċi nomine għażlet, bażata, jerġa' jingħad, fuq il-konkorrenza sleali da parti tal-konvenut b'dannu tagħha, kif hija stess esponiet fl-att taċ-ċitazzjoni;

Illi l-liġi, fl-art. 36 sa 40 inklużivament tal-Kodiċi Kummerċjali, ipprevediet il-forom l-aktar soliti ta' dik il-konkorrenza. Però mhux leċitu li wieħed jestendi l-każijiet oltre dawk preveduti mill-leġislatur; l-għaliex, kif kien jgħallem il-Professur Mallia, ordinarju tad-Dritt Kummerċjali fl-Università tagħna, "qui si tratta di veri e propri delitti commerciali che danno luogo a conseguenze molto serie";

Illi l-fatti lamentati mill-attriċi nomine ma jidħlux fl-ebda waħda mill-forom previsti mill-liġi, u għalhekk minnhom ma joħorġux sanzjonijiet ġuridiċi, jiġifieri l-azzjonijiet tal-konkorrenza sleali;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi t-talba ta' l-attriċi nomine; bl-ispejjeż kontra tagħha.